Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2011 — ATB Norte vs UASI — Bricocenter Italia (BRICO CENTER)

(Kawża T-475/09)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva BRICO CENTER — Trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti ATB CENTROS DE BRICOLAGE Brico Centro u CENTROS DE BRICOLAGE BricoCentro — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 25, 33, 34, 57, 66, 67)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-24 ta' Settembru 2009 (Każ R 500/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn ATB Norte, SL u Bricocenter Italia Srl.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarji:	Bricocenter Italia Srl
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva BRICO CENTER, għal servizzi fil-klassi 35 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 4934212

Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	ATB Norte, SL
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade marks Komunitarji figurattivi preċedenti ATB CENTROS DE BRICOLAGE Brico Centro (Nru 989046) u CENTROS DE BRICOLAGE BricoCentro (Nru 3262623), għal servizzi fil-klassijiet 35, 37 u 39
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Deċiżjoni kkontestata annullata u oppożizzjoni miċħuda fit-totalità tagħha

Dispożittiv

1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-24 ta' Settembru 2009 (Każ R 500/2008-4) hija annullata sa fejn tilqa' l-appell ta' Bricocenter Italia Srl quddiem il-Bord tal-Appell dwar is-servizzi ta' "pubblikità", ta' "ġestjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali" u ta' "amministrazzjoni kummerċjali", msemmija fl-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) ATB Norte, SL, Bricocenter Italia u l-UASI għandhom ibatu l-ispejjeż individwali tagħhom sostnuti matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.